20.4.2012

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** **Petizzjoni 1025/2011, imressqa minn Thorsten Kehrmann, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar trattament mhux ugwali tal-persuni omosesswali fil-Ġermanja**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa omosesswali u beħsiebu jidħol fi sħubija rreġistrata mas-sieħeb tul il-ħajja tiegħu. Il-petizzjonant isostni li, minkejja diversi sentenzi tal-qorti, il-Gvern Ġermaniż jostakola t-trattament ugwali tas-sħubija rreġistrata u ż-żwieġ tradizzjonali. Il-petizzjonant jargumenta li l-sħab fiż-żewġ forom ta' koabitazzjoni għandhom l-istess obbligi lejn xulxin u li għalhekk, it-tnejn li huma għandhom jiġu trattati b'mod ugwali skont il-liġi. Skont il-petizzjonant, dan mhuwiex il-każ fil-Ġermanja, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi fiskali u l-liġi dwar l-adozzjoni. Il-petizzjonant jallega li l-Istat Ġermaniż jiddiskrimina kontra l-persuni omosesswali u li dan imur kontra l-liġi tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa jirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Każ C-147/08.

## 2. Ammissibbiltà

Iddikkjarata ammissibbli fis-6 ta' Jannar 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fl-20 ta' April 2012

Il-Kummissjoni hija konxja tal-fatt li diversi Stati Membri, eżempju il-Ġermanja, jipprovdu għas-sħubijiet irreġistrati fil-liġi nazzjonali tagħhom. F'xi Stati Membri din l-istituzzjoni hija miftuħa esklussivament għal koppji tal-istess sess, filwaqt li f'oħrajn kemm koppji tal-istess sess kif ukoll dawk tas-sess oppost jistgħu jidħlu fi sħubija rreġistrata.

Attwalment m'hawn l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sħubijiet irreġistrati jew żwiġijiet, lanqas dwar ir-rikonoxximent tagħhom. Id-definizzjoni u l-kunċett ta' sħubijiet irreġistrati u taż-żwiġijiet jaqgħu taħt il-kompetenza esklulssiva tal-Istati Membri.

Ir-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-konsegwenzi ta' proprjetà ta' sħubijiet irreġistrati[1], li attwalment qed jiġu nnegozjati, ma jkoprix ir-rikonoxximent tas-sħubijiet irreġistrati, u lanqas kwistjonijiet relatati mal-liġi fiskali jew l-adozzjoni. Il-kunċett ta' "sħubija rreġistrata" huwa definit taħt l-Artikolu 2(b) tiegħu, iżda għal skopijiet tar-Regolament biss. In-natura essenzjali tal-kunċett hija definita fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

Il-petizzjonant jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' J. Römer (C-147/08) li tikkonċerna talba ta' ċittadin Ġermaniż fi sħubija rreġistrata bejn persuni tal-istess sess biex jibbenefika mill-istess sistema ta' kalkolu tal-pensjoni li huma intitolati għaliha l-impjegati miżżewġin. Dan il-każ huwa relatat man-nondiskriminazzjoni fix-xogħol u l-impjieg[2], speċjalment fir-rigward tan-nondiskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u d-dritt għal pensjoni tal-irtirar addizzjonali li għandha titħallas lil sieħeb irreġistrat. Il-Qorti rreferiet għal sentenza preċedenti bi kwistjonijiet simili[3] u enfasizzat li sabiex ikun intitolat biex jibbenefika mill-istess drittijiet ta' pensjoni bħall-koppji miżżewġa, is-sieħeb tul il-ħajja għandu jkun f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali komparabbli ma' dik ta' persuna miżżewġa. Imbagħad huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tevalwa l-komparabilità, billi tiffoka fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-konjugi u l-persuni fi sħubija tul il-ħajja rreġistrata.

Skont il-qorti tar-rinviju fil-każ ta' Römer, il-Ġermanja ħolqot sistema separata għal persuni tal-istess sess (is-"sħubija tul il-ħajja rreġistrata") u din is-sistema gradwalment saret ekwivalenti għal dik taż-żwieġ.

Konklużjoni

Bħalissa, m'hemm l-ebda liġi tal-UE dwar is-sħubijiet irreġistrati. Konsegwentement l-Istati Membri waħidhom għandhom jiddeċiedu jekk fl-ordni legali nazzjonali tagħhom jipprovdux għas-sħubijiet irreġistrati u/jew unjonijiet ċivili oħrajn, inklużi l-koppji tal-istess sess.

Għandu jiġi nnutat li l-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-petizzjonant qed jirreferi għalih huwa relatat mad-drittijiet tal-pensjoni għall-irtirar u mhux għad-drittijiet taħt il-liġijiet fiskali jew tal-adozzjoni.

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant u r-raġunament t'hawn fuq, il-Kummissjoni bħalissa ma tistax tipprovdi tweġiba aktar dettaljata. Madankollu, jekk il-petizzjonant ikun kapaċi jipprovdi lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet kwalunkwe dettalji addizzjonali, il-Kummissjoni tista' mbagħad teżamina aktar din il-kwistjoni.

---

[1] COM(2011) 127 finali.
[2] Id-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fix-xogħol u l-impjieg.
[3] Il-Każ C-267/06 Maruko [2008], Ġabra I-1757.

4. **Risposta tal-Kummissjoni (REV)**, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012

Fil-korrispondeza l-aktar reċenti tiegħu, il-petizzjonant ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għas-sentenza tal-Qorti Konstituzzjonali Federali Ġermaniza tat-18 ta' Lulju 2012. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti ddeċidiet li trattament differenti ta' żwiġiet u sħubiji rreġistrati fil-liġi relatata mat-taxxa tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli huwa fi ksur tal-Kostituzzjoni Ġermaniża peress li jiddeskrimina sħubiji reġistrati abbażi tal-orjentament sesswali tgħhom.

Madanakollu, din l-informazzjoni ġdida ma tbiddilx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-ksur allegat tal-Artikolu 21 (1) (in-nondiskriminazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-dispożizzjonijiet tal-Karta jkunu indirizzati lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni u lill-Istati Membri biss meta dawn jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Dan ifisser li l-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni biss jekk kwistjoni tal-UE titqajjem meta l-Istati Membri jkun qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-UE.

Barra minn hekk, kif iddikjarat fl-ewwel komunikazzjoni tal-Kummissjoni, la teżisti liġi tal-UE dwar l-isħubijiet reġistrati u lanqas liġi tal-UE relatata mat-taxxa tat-trasferiment tal-propjetà immobbli bejn is-sħab.

F'dak il-każ huwa f'idejn l-Istat Membri biss li jiżguraw li l-obbligi tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali – kif jirriżulta mill-ftehim internazzjonali u mill-leġiżlazzjoni interna tagħhom - jiġu rrispettati.

Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tieħu azzjoni fl-livell tal-UE dwar il-kwestjonijiet li tqajmu mill-petizzjonant.